



31.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0762/2011, imressqa minn André Goretti, ta' ċittadinanza Franċiża, f'isem il- Fédération Autonome des Sapeurs-pompier professionnels et des personnels administratifs, techniques et spécialisés, dwar l-allegat ksur tad-Direttiva 2003/88/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant isostni li Franza qed tikser id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Skont il-petizzjonant, taħt mekkaniżmu nazzjonali, huwa applikat kalkolu differenzjali tas-siġhat li jinħadmu mill-membri tas-servizzi pubbliċi tat-tifi tan-nar u tal-ġhajjnuna f'każijiet ta' emerġenza skont l-intensità tal-attività. Dan il-mekkaniżmu, li jistabbilixxi prinċipju ta' ekwivalenza, ġie implimentat permezz ta' leġislazzjoni nazzjonali dwar il-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema professjonisti tat-tifi tan-nar. Għalhekk, minflok ma qegħdin jaħdmu 1 607 siegħa fis-sena, liema siġhat ikunu ġew stabbiliti minn qabel, il-parti l-kbira tal-membri tas-servizzi pubbliċi tat-tifi tan-nar u tal-ġhajjnuna f'każijiet ta' emerġenza qed jaħdmu bejn 2 160 u 2 400 siegħa fis-sena, u dan huwa illegali skont id-direttiva inkwistjoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-15 ta' Novembru 2011. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fil-24 ta' Ottubru 2012

l-petizzjonant jiddikjara li l-liġijiet Franċiżi li jirregolaw il-ħin tax-xogħol tal-ħaddiema

professjonisti tat-tifi tan-nar (*les sapeurs-pompiers professionnels*) ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol (id-Direttiva 2003/88/KE). Skont il-miżuri legali msemija fil-petizzjoni, il-ħin tax-xogħol tagħhom jista' jiġi organizzat f'xiftijiet on-call kontinwi (*gardes*), fejn f'dan iż-żmien huma jiġu mitluba jkunu preżenti fiżikament fil-post tax-xogħol u jkunu lesti jipprovdu s-servizzi meta jiġu msejħa. Fil-prattika, ħaddiem professjonist tat-tifi tan-nar jista' jkollu jaħdem numru ta' tali xiftijiet, li jirriżultaw f'total ta' bejn 2 160 u 2 400 siegħa xogħol fis-sena.

L-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol jistipula li:

“L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li, skont il-ħtieġa tal-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema:

*(b) il-medja tal-ħin tax-xogħol għal kull perjodu ta' sebat ijiem, inkluża s-sahra, ma tkunx teççedi t-48 siegħa.”*¹

Il-perjodi kollha li fihom ħaddiem jintalab jibqa' fil-post tax-xogħol u jkun disponibbli biex jipprovdi servizzi lil min iħaddmu, għandhom jgħoddu kollha bħala ħin tax-xogħol għall-finijiet tal-Artikolu 6 tad-Direttiva.²

L-Artikolu 16 jipprevedi li l-leave annwali ta' 4 ġimgħat skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva m'għandux jiġi inkluż, jew għandu jkun newtrali, għall-kalkolu tal-limitu ta' 48 siegħa.

Meta jitqies l-Artikolu 16, il-limitu ta' 48 siegħa fil-ġimgħa, bħala medja, għandu jkun ekwivalenti għal 2304 siegħa fis-sena. B'dan il-mod, li wieħed jaħdem sa 2400 siegħa fis-sena jaqbeż b'mod çar il-limitu tal-medja ta' 48 siegħa fil-ġimgħa.

Minbarra dan, id-Direttiva tipprevedi li tista' tittieħed medja tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa għal perjodu li ma jeççedix erba' xhur (jew, permezz ta' deroga, għal çerti attivitajiet inklużi dawk tal-ħaddiema tat-tifi tan-nar, sitt xhur). Il-kalkolu tal-medja għal perjodu itwal ta' żmien, dak ta' sena, mhuwiex permess, ħlief jekk dan ikun ibbażat fuq ftehimiet tas-sħab soçjali.³

Il-liġijiet nazzjonali msemija mill-petizzjoni, għalhekk, ma jidhrux li huma konformi mad-Direttiva, skont l-informazzjoni li hi disponibbli fil-preżent lill-Kummissjoni.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni hija konxja tal-fatti ddikjarati mill-petizzjoni rigward il-konformità tal-liġi u l-prattika Françiża, u diġà rreġistrat ilment dwar din il-kwistjoni.

¹ Il-petizzjoni tirreferi wkoll għal limitu ta' ħin tax-xogħol ta' 35 siegħa fil-ġimgħa: madankollu, dan mhuwiex rikjest mid-Direttiva, li tistabbilixxi biss regoli minimi fil-livell tal-UE (l-Istati Membri jibqgħu ħielsa li japplikaw jew li jkomplu japplikaw dispożizzjonijiet aktar favorevoli).

² C-303/98 *SIMAP*, C-151/02 *Jaeger*, C-14/04 *Dellas*.

³ Id-Direttiva 2003/88/KE, l-Artikoli 16(b), 17(3) u 19.

Il-Kummissjoni żżomm id-dritt li tiegħu tali deċiżjonijiet skont kif tqis li jkun adegwat sabiex tiżgura l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE, fid-dawl tal-eżami tagħha tal-ilmenti. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jżommu lill-Parlament infurmat dwar id-deċiżjonijiet meħuda li jirrigwardaw din il-petizzjoni.

4. Risposta tal-Kummissjoni (REV), li waslet fil-31 ta' Jannar 2014

Fil-komunikazzjoni preċedenti tagħha, il-Kummissjoni infurmat lill-Parlament li, abbażi tal-informazzjoni li għandha fil-pussess tagħha, qieset li l-leġiżlazzjoni nazzjonali msemmija mill-petizzjoni ma tidhirx li hija konformi mad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol.

Fl-2012, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Franċiżi jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità li kienu identifikati. L-awtoritajiet Franċiżi infurmaw lill-Kummissjoni f'Diċembru 2012 bl-intenzjoni tagħhom li jemendaw il-leġiżlazzjoni applikabbli (*id-Digriet 2001-1382* tal-31 ta' Diċembru 2001) biex jiżguraw il-konformità tagħha mal-liġi tal-UE. Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, dan il-proċess jinsab għaddej fil-preżent. Il-Kummissjoni se tiddeċiedi dwar il-passi li jmiss fil-proċedura abbażi tal-analiżi mis-servizzi tagħha ta' dawn id-dispożizzjonijiet ladarba jkunu ppubblikati. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jżommu lill-Parlament infurmat dwar id-deċiżjonijiet meħuda li jirrigwardaw din il-petizzjoni.

5. Risposta tal-Kummissjoni (REV II), li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-Kummissjoni infurmat lill-Parlament fil-komunikazzjoni preċedenti tagħha rigward din il-petizzjoni li, fuq il-bażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħha, ikkunsidrat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali msemmija mill-petizzjonant deheret mhux konformi mad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol.

Fl-2012, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Franċiżi jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità li kienu identifikati. L-awtoritajiet Franċiżi infurmaw lill-Kummissjoni f'Diċembru 2012 bl-intenzjoni tagħhom li jemendaw il-leġiżlazzjoni applikabbli (*id-Digriet 2001-1382* tal-31 ta' Diċembru 2001) biex jiżguraw il-konformità tagħha mal-liġi tal-UE.

Id-digriet li jemenda li ġie annuċat minn Franza ġie adottat fit-18 ta' Diċembru 2013 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fl-20 ta' Diċembru 2013. Dan jirmedja kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità għar-raġunijiet segwenti:

- Perjodu ta' referenza għall-kalkolu ta' medja ta' sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa huwa ta' 6 xhur minflok 12 b'riżultat tal-limitu stabbilit mid-digriet il-ġdid, il-limitu ta' sigħat ta' xogħol huwa stabbilit għal medja ta' 47 siegħa fil-ġimgħa (minflok medja ta' 52/54 siegħa kif kienet qabel). Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.
- Il-possibbiltà li jiżdiedu s-sigħat tax-xogħol tal-ħaddiema tat-tifi tan-nar li jibbenefikaw minn akkomodazzjoni (u potenzjalment li jinqabżu 48 siegħa bħala medja fil-ġimgħa) tneħħiet – il-kundizzjonijiet tagħhom tax-xogħol huma alinjati ma' daww tal-ħaddiema tat-tifi tan-nar li ma jibbenefikawx minn akkomodazzjoni. Din l-emenda tidħol

fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016 biex tippermetti xi riorganizzazzjoni sostanzjali li tkun meħtieġa biex tiżgura l-implementazzjoni tagħha.

Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet fl-20 ta' Frar 2014 biex tagħlaq proċedura ta' ksur korrispondenti.